# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 298/2015**

Il-Pulizija

vs

**Aphron Agius**

iben Joseph, imwieled Pieta', fit-23 ta' Jannar, 1975, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 150375(M)

Illum 26 ta' Gunju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Aphron Agius quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fl-ewwel (1) ta' Gunju tas-sena elfejn u disgha (2009) u matul l-ahhar tnax-il xahar, ta' qabel din id-data:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i jew ghall-persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga imsemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament numru 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet

ta' Malta, liema reat gie kommess fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu z-zaghzagh skond l-Artikolu 22(2b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricettta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu, u liema reat gie kommess fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zaghzagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu iz-zaghzagh skond l-Artikolu 22(2b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Mejju, 2015 fejn il-Qorti fil-waqt li sabet lill-imputat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u lliberatu minnha, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u t-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontrih, u kkundannatu ghal piena ta' tlett snin u nofs prigunerija effettivi u multa ta' tlett elef Euro (€3,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero' jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Inoltre, il-Qorti ordnat lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' elfejn u seba' u disghin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€2097.85), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut. Il-Qorti ordnat li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant Aphron Agius minnu pprezentat fit-8 ta' Gunju, 2015 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi TIRRIFORMA s-sentenza appellata u filwaqt illi TIKKONFERMAHA fil-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati tal-ewwel imputazzjoni u lliberatu minnha, TIRREVOKAHA f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni u dan billi filwaqt li tiddikjarah mhux hati ta' pussess aggravat u konsegwentement tilliberah minnha, issib illi tali pussess kien intiz biss ghal uzu esklussiv tieghu, jew alternattivament TIRRIFORMA s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti fis-26 ta' Ġunju 2019 fejn l-aggravju marbut mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni u cioe' dik marbuta mar-reat tal-pussess aggravat

tad-droga erojina, bl-aggravanti tad-distanza gie michud, u s-sentenza appellata giet ikkonfermata fil-mertu.

Rat l-atti tal-kawza mill-gdid.

Semghet trattazzjoni dwar l-aggravju marbut mal-piena.

Ikkunsidrat,

Illi din id-decizjoni hija marbuta unikament mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant ghat-tieni imputazzjoni li dwarha huwa gie misjub hati u cioe' dak tar-reat tal-pussess aggravat tad-droga erojina, bl-aggravanti tad-distanza tal-mitt metru kif ravvizat fl-artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellant jilmenta illi l-piena ta' tlett snin u nofs prigunerija u multa fl-ammont ta' €3000 flimkien mal-kundanna ghal ħlas tal-ispejjez peritali fl-ammont ta' €2097.85, hija piena eċċessiva u sproporzjonata. L-appellant jishaq illi l-Ewwel Qorti naqset milli toħloq il-bilanċ meħtieġ bejn l-aspett riformattiv u dak retributtiv tal-piena, kif naqqset ukoll milli tqies it-trapass twil taz-zmien minn meta sehh il-kaz, u l-ammont żgħir ta' droga li instabet fil-pussess tieghu li kien ta' ftit anqas minn ghaxar grammi erojina biex b'hekk il-piena kif imposta hija waħda sproporzjonata. Finalment talab il-klemenza tal-Qorti u stedinha biex tapplika il-provvediment tal-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront tieghu.

Illi din l-Qorti ikkonfermat is-sejbien ta' htija kif deciz mill-Ewwel Qorti ghat-tieni imputazzjoni bl-aggravanti tad-distanza tal-mitt metru u dan fis-sentenza moghtija fis-26 ta' Gunju 2019. Illi qabel xejn ghandu jigi rilevat illi l-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jorbot idejn din il-Qorti meta tigi biex tqies in-natura tal-piena li ghandha tigi erogata, billi hemm l-eskluzjoni tal-applikazzjoni tal-artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation fil-konfront tal-persuna

misjuba hatja biex b'hekk huwa kemmxejn inutli illi l-appellant jitlob illi l-Qorti tezercita xi forma ta' klemenza f'dan is-sens.

Illi imbaghad huwa l-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta li jfassal il-parametri tal-piena li ghandha tigi erogata mill-qrati inferjuri fejn il-piena ghandha tkun dik ta' priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87), liema piena ghandha tiżdied bi grad fid-dawl tal-aggravju tal-mitt metru biex b'hekk il-parametri tal-piena erogabbli jitilghu għal dik ta' bejn seba' xhur sa tnax il-sena prigunerija. Illi ghalhekk huwa pacifiku illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti taqa' sewwasew fil-parametri tal-ligi u tqarreb aktar lejn il-minimu.

Illi din il-Qorti lanqas ma tista' tinjora l-fedina penali tal-appellant fejn jidher illi hu kien diġa nstab ħati ta' reati relatati mal-ksur tal-liġijiet tad-droga u dan fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat li dwaru hu gie mijsub hati fil-presenti istanza. Dan maghdud, madankollu, minn ezami tal-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni issa fi stadju ta' revizjoni ma jidhirx illi kien hemm xi infrazzjonijiet ohra tal-ligi wara s-sena 2010, ghalkemm l-appellant gie inkarcerat ghal perijodu ta' erbatax-il sena b'sentenza moghtija fis-sena 2009[1].

Illi f'dan l-istadju ta' revizjoni l-appellant iddecieda li jibda t-triq ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga li jidher li hakkmu ghal diversi snin. Dan jirrizulta mix-xiehda ta' Noel Cassar li xehed għan-nom tal-Caritas Malta, kif ukoll dik ta' David Mellows rapprezentant tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Minn din ix-xiehda jirrizulta illi l-appellant beda isegwi programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga u dan fis-sena

---

[1] Fit-8 ta' Ottubru 2009 l-appellant instab ħati quddiem il-Qorti Kriminali wara li ammetta għall-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

2019, fejn l-andament tieghu huwa wiehed pozittiv[2]. Illi l-prosekuzzjoni da parti tagħha qed toġġezzjona illi l-kontenut tad-deposizzjonijiet ta' dawn ix-xhieda għandu b'xi mod jagħmel impatt fuq dan l-aħħar aggravju peress illi din tikkostitwixxi prova ġdida fl-istadju tal-appell li kwindi m'għandhomx jittieħdu n konsiderazzjoni. Madankollu fid-dawl tan-natura tal-aggravju ventilat mill-appellant li huwa marbut mal-aspett reformattiv tal-hati, il-Qorti necessarjament ghandu jkollu quddiem ghajnejha l-iktar zviluppi recenti fil-hajja tal-persuna misjuba hatja sabiex hija tkun fl-ahjar posizzjoni biex taghmel il-gudizzju ahhari taghha. Fatti li certament ma setghux jingiebu a konjizzjoni tal-Qorti fi stadju aktar bikri, tenut kont tal-fatt illi l-appellant beda l-programm biss is-sena l-oħra.

Magħmula din l-esposizzjoni tal-fatti li jemergu mill-atti probatorji, il-Qorti tistqarr illi ma tistax tinjora diversi fatturi meta tigi biex tqies jekk il-piena erogata kenitx wahda eccessiva, kif jikkontendi l-appellant. Illi jibda biex jinghad illi dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2009, bid-dewmien fil-proceduri ma jkunx imputabbli ghall-appellant. Mhux biss izda l-appellant illum il-gurnata ghalkemm jinsab detenut gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, madanakollu gharaf juzufruwixxi ruhu mis-servizzi hemmhekk moghtija sabiex ifittex jirriforma hajtu. Inoltre l-piz tad-droga misjuba fil-pussess tal-appellant ma kienx xi wiehed sostanzjali ghalkemm il-purita' kienet kemmxejn gholja. Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' tlett snin u nofs prigunerija kienet wahda kemmxejn gholja tenut kont ta' dawn il-fatti probatorji u inoltre fid-dawl tal-fatt illi l-appellant illum qed ifittex biex jirriforma hajtu. Il-Qorti tqies illi ghandha thares dan l-aspett riformattiv meta tigi biex tikkalibra l-piena u allura hija tal-fehma illi ghandu jkun hemm riduzzjoni fil-piena imposta fuq il-hati.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-aggravju marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti, tghaddi ghalhekk biex filwaqt li terga' tikkonferma s-sentenza

---

[2] Ara Dokument NC esebit mix-xhud Noel Cassar

appellata fil-mertu, tvarja il-piena inflitta u tikkundanna lill-appellant għall-perijodu ta' wiehed u ghoxrin xahar (21) priġunerija, u għall-ħlas ta' multa ta' elf u hames mitt Euro (€1500) multa pagabbli mensilment u kull xahar fl-ammont ta' €100, bl-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-appellant jiskonta l-piena karċerarja imposta fuqu, fit-termini ta' dak dispost fl-artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li tikkonferma l-kundanna ghal ħlas tal-ispejjez peritali fit-termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali fl-ammont ta' €2097.85.

**Imhallef**